MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 522/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ryan Bonnici**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Ryan Bonnici talli:

(1) fl-20 ta' Awwissu 2009 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer seraq senter tal-marka Luigi Franchi b'numru ta' serje mħassar li jiswa aktar minn mitejn tlieta u tletin euro (Euro 233) pero` anqas minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) għad-detriment ta' persuna mhux magħrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-ħaġa misruqa;

(2) fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex imexxihom;

(3) fl-istess data, lok u ċirkostanzi ġie fil-pussess ta' arma tan-nar, jiġifieri senter tal-marka Luigi Franchi b'numru ta' serje mħassar jew munizzjon xort'oħra milli b'liċenzja u minnufih naqas jagħti avviż tagħhom lill-Kummissarju tal-Pulizija ħalli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinżammu taħt idejn il-Pulizija jew taħt idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviż;

(4) fl-20 ta' Awwissu 2009, f'dawn il-Gżejjer kien għall-kaċċa fuq il-bahar waqt staġun magħluq.

(5) fl-istess data, lok u ċirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imsemmijin fil-liċenzja hekk kif maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(6) sar recidiv b'diversi sentenzi datati 16 ta' Frar 2001 (Maġ. Dr. S. Meli); 12 ta' Diċembru 2006 (Maġ. A.G. Vella); 17 ta' Jannar 2007 (Maġ. A.G. Vella); 18 ta' Ottubru 2008 (Maġ. A.G. Vella) liema sentenzi huma kollha definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena skond il-liġi tordna l-konfiska tal-oġġetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jottjeni il-liċenzja tal-arma għal żmien mhux anqas minn tliet snin;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Dicembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 18(1)(e) u (f), 12 u 27 tal-Avviz Legali 79/2006 kif ukoll l-artikoli 41 u 51(8) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imsemmi Ryan Bonnici ħati tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi u kkundannatu multa kumplessiva ta' elf u tliet mitt euro (€1,300). Dik il-Qorti ddikjaratu mhux ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet

miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet. B'applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-arma tal-marka Luigi Franchi b'numru ta' serje imħassar liema arma ġiet esebita formalment waqt l-udjenza tal-11 ta' Gunju 2010 u hija mmarkata bħala Dok. AB1. B'applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali l-istess Qorti inoltre ordnat li l-istess Ryan Bonnici jiġi skwalifikat milli jżomm jew jottjeni liċenzja tal-kaċċa ghal perijodu ta' tnax-il (12) xahar mid-data tas-sentenza;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Ryan Bonnici ppreżentat fil-21 ta' Diċembru 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati, tikkonfermaha dwar ir-rejita` fejn sabitu u tirriformaha dwar il-piena billi minflok il-piena inflitta, taghti piena oħra li aktar tagħmel ghall-kaz u dan precipwament dwar it-tul taz-zmien tas-sospensjoni tal-liċenzja li ġiet inflitta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. Jgħid illi l-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-appellant li, pero`, ma hi ġuramentata minn ħadd. L-appellant jgħid illi kif qalet sewwa l-ewwel Qorti, prova ta' reċidiva ma kienx hemm u konsegwentement dak li hemm imniżżel fil-fedina penali jista' jkun indikattiv imma mhuwiex fih innifsu prova. Kien hemm diversi każijiet fejn il-fedina penali ma kinitx tirrifletti fedelment dak li jkun ġara fil-Qorti. Għalhekk, isostni l-appellant, stante li l-ewwel Qorti ma setgħetx toqgħod fuq l-element li kien hemm reċidiva għax prova ma kienx hemm, daqstant ieħor ma setgħetx toqgħod fuq l-elementi l-oħrajn u tagħmel il-konsiderazzjonijiet tal-piena li dehrilha, fejn tgħid li qed toqrob lejn il-massimu u tagħti piena ta' sospensjoni twila.

**6.** Issa, f'dan il-każ l-appellant ammetta u nstab ħati tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u, fit-termini tal-

ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.

**7.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti korrettement ma sabitx illi kien jirriżulta l-addebitu tar-reċidiva. Imbagħad għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar il-piena:

"Għal finijiet ta' piena l-Qorti, tenut kont tal-eta` tal-imputat iżda tenut kont ukoll tal-fatt li l-imputat instab għall-kaċċa fuq il-baħar fl-istaġun magħluq u tenut kont li mill-fedina penali tiegħu jidher li din ma kinitx l-ewwel darba li huwa kkommetta reati konnessi mal-kaċċa, jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi għandha timponi piena pekunjarja viċin il-massimu imponibbli kif ukoll skwalifika tal-liċenzja tal-kaċċa għal żmien sostanzjali u dan sabiex l-imputat forsi jifhem darba għal dejjem li r-regolamenti dwar il-kaċċa jridu jiġu osservati."

**8.** Frankament din il-Qorti ma ssib xejn x'tikkritika fir-raġunament ta' l-ewwel Qorti. Il-fatt li l-addebitu ta' reċidiva ma rriżultax ifisser illi l-ewwel Qorti ma setgħetx tuża d-diskrezzjoni mogħtija mill-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iżżid il-piena bi grad. Dan ma jfissirx illi l-fedina penali ma tistax tiġi kkunsidrata sabiex tiġi kkalibrata l-piena. L-appellant stess jikkonċedi li "tista' sservi bħala prova". Effettivament il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni bħala indikatur tar-refrattarjeta` o meno ta' persuna. Difatti kull ma qalet l-ewwel Qorti kien li mill-fedina penali ta' l-appellant (allura imputat) "<u>jidher</u> li din ma kinitx l-ewwel darba li huwa kkommetta reati

konnessi mal-kaċċa" (sottolinear ta' din il-Qorti). Ma qagħditx tipprova tispigola u telenka dawn ir-reati.

**9.** Kwantu għall-piena, ir-regolament 27(2)(a) ta' l-Avviż Legali 79/2006 jipprovdi li meta persuna tinstab ħatja għall-ewwel darba, hija teħel multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75). M'hemmx dubju, mela, li l-multa nflitta mill-ewwel Qorti hija ferm anqas mill-massimu preskritt għal min jinstab ħati l-ewwel darba. Imbagħad meta persuna tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, il-piena hi dik ta' multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn disat elef u tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€9,317.49), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahrejn iżda mhux iktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Għalhekk żgur li ma hemm l-ebda lok għal xi temperament fil-multa.

**10.** Jidher, pero`, li l-aktar parti mill-piena li qed tippreokkupa lill-appellant hija s-sospensjoni tal-liċenzja għal perijodu ta' tnax-il xahar. Din il-Qorti tifhem din il-preokkupazzjoni, tifhem ukoll kif dik li hija namra tidher li saret prattikament passjoni għall-appellant. Iżda dan ma jippermettilux jikser il-liġi b'impunita`. Il-liġijiet iridu jiġu osservati minn kulħadd. Dak li trid is-soċjeta` issa hu li l-appellant jagħti prova li huwa lest josservahom. Tajjeb li jingħad ukoll illi l-prosekuzzjoni kienet talbet li l-iskwalifika tkun għal mhux anqas minn tliet snin. L-ewwel Qorti skwalifikatu milli jżomm jew jottjeni liċenzja tal-kaċċa għal perijodu ta' tnax-il xahar. Inoltre hija ordnat l-iskwalifika a tenur ta' l-artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux a tenur ta' l-Avviż Legali 79/2006.

**11.** F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti, peress illi m'hemmx ċirkostanzi ġodda minn dawk li kienu a konjizzjoni ta' l-ewwel Qorti, ma ssib l-ebda raġuni biex tvarja l-multa u/jew l-iskwalifika li ġew inflitti mill-ewwel Qorti.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------